# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' l-Għasri

## It-Tmien Leġislatura

**Laqgħa Nru. 40** It-Tlieta 20 ta' Settembru 2022

Il-Kunsill Lokali ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:30 ta' filgħaxija.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Dr. Daniel Attard | - Sindku |
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | - Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Elizabeth Mintoff | - Kunsilliera |
| Is-Sur Salvatore Felice Pace | - Kunsillier |
| Is-Sur Sammy Saliba | - Kunsillier |
| Benjamin Zammit | - Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3)):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Is-Sinjura Rita Mifsud Attard | - Segretarju Eżekuttiv |

**Minuti** **20 ta' Settembru 2022**

Is-Sindku Dr. Daniel Attard ippresjeda l-laqgħa.

## 40.1 Qari ta' lttri ta' apoloġija;

**40.1.01** n/a

## 40.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti 8-39.

**40.2.01** Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 39 ġew ċirkulati minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, dawn ġew approvati unanimament.

## 40.3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza.

**40.3.01** Ittra minn Transport Malta dwar *share point*.

**40.3.02** Ċir AKL 2022/091 – Tindif ta *Culverts*. Inġibdet l-attenzoni sabiex *culverts* li jaqgħu taħt ir-responsabbilità tal-Kunsill Lokli jiġu mnadfa. Ġew identifikati dawn il-*culverts* fit-toroq: Triq Wied l-Għasri, Triq Ġesù Nazzareno u tal-Pjazza.

**40.3.03** Approvazzjoni mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar akkumulazzjoni ta' 112 siegħa *vacation leave* mill-2022 għal 2023 tas-Segretarja Eżekuttiva.

**40.3.04** Ċir AKL 2022/087 Proġett – 30 Anniversarju Gvern Lokali. Il-Kunsill ġie mitlub sabiex jagħżel tema li jixtieq jirrapreżenta l-lokalità tal-Għasri. Il-Kunsilliera għażlu: l-attivita ta' *Traditions: Wine, Olive Oil & Honey,* il-Fanal ta' Ġordan u Wied l-Għasri.

**40.3.05** *Gozo Cultural Calendar* 2023. Il-Kunsill għandu jibgħat id-dettalji tal-attivitajiet ppjanati għas-sena 2023.

**40.3.06** Ċir AKL 2022/079 – Skema Għall-Kunsill Lokali Dwar Lokalitajiet Sostenibbli 2022. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill japplika sabiex jitnadfu u jiġu rrestawrati l-ġibjuni tal-Għasri (fi Triq il-Ġdida) u jinħoloq passaġġ minn fuq il-ġibjuni. B'hekk inkunu qed nagħmlu titjib fl-ambjent, niġġeneraw dħul/attività ekonomika ; tipprovdi *areas* tal-mixi u b'hekk tagħti lok ta' eżerċizzju ; nipproteġu 'water table' ; ninkoraġixxu l-flora u fawna lokali biex jikbru u ħolqien ta' protezzjoni fit-tul taż-żona.

Is-Segretarja nformat lill-Kunsill li hi bdiet timla din il-formula iżda sabet diffikulta peress li m'hemm l-ebda pjanta, *bill of quantities* u permessi.

Għalhekk ġie deċiz li din l-applikazzjoni ma ssirx din is-sena peress li l-preparazzjonijiet għadhom mhux lesti.

**40.3.07** Korrispondenza dwar applikazzjoni PA 04883/20 – *Site at* Wied is-Seqer Għasri – *To construct a sheep farm*. Is-Sindku staqsa jekk il-Kunsill għandux jagħmel appell dwar din l-applikazzjoni (li tidher li ser tiġi approvata). Il-Kunsillier Sammy Saliba u l-Viċi Sindku Emanual Mintoff astjenew. Il-Kunsilliera Elizabeth Mintoff u Salvatore Felice Pace qablu mas-Sindku li għandu jsir appell u dan fuq il-bażi li hemm diversi rziezet li jinsabu mhux użati jew qed jintużaw għal skopijiet oħra.

**40.3.08** Il-Kunsill irċieva talba mingħand resident tal-Għasri sabiex il-Kunsill jagħmel oġġezzjoni fuq applikazzjoni ta' bini f'*area* indikata bħala ODZ. Applikazzjoni numru 05089/22 fi Triq tal-Fenek. Il-Kunsillier Sammy Saliba ma ħax sehem fil-votazzjoni peress li l-applikant huwa qarib ta' martu. Il-Kunsillier Elizabeth Mintoff astjeniet mill-vot. Is-Sindku, Viċi Sindku u kunsillier Salvatore Felice Pace qablu li ssir oġġezzjoni u dan għaliex il-kunsill dejjem fil-passat ta l-appoġġ tiegħu meta jkun hemm talba minn resident fuq applikazzjoni li tkun fuq art indikata bħala ODZ.

Il-Viċi Sindku qal li hu mhux ha jieħu sehem iżjed f'dawn it-tip ta' oġġezzjonijiet.

## 40.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

**40.4.01** Il-Kunsillier Elizabeth Mintoff qalet li hi rat il-programm t'attivitajiet għall-anzjani f'Għawdex u tixtieq torganizza grupp mill-Għasri biex jieħu sehem fil-ħarġa tas-26 ta' Ottubru - Taħdita u żjara fiċ-Ċittadella. Is-Segretarja għandha tinkludi din il-ħarġa fuq in-*Newsletter* li jmiss.

**40.4.02** Il-Kunsillier Sammy Saliba qal li l-Kappillan waħħal bozza mal-faċċata taċ-Ċentru u jixtieq li din tixgħel ma l-*street lighting*. Is-Segretarja għandha tinforma lill-inginier dwar dan.

**40.4.03** Il-Kunsillier Sammy Saliba ssuġġerixxa li l-Kunsill jorganizza *blood donation* fl-Għasri. Din tista ssir f'okkażżjoni bħal Jum l-Għasri.

## 40.5 Analiżi tal-avveniment ta' *Traditions: Wine, Olive Oil & Honey 2022*

**40.5.01** Is-Sindku rringrazzja lill-voluntiera kollha li hadu sehem fl-attività ta' *Traditions* nhar is-Sibt 17 ta' Settembru. Irringrazzja wkoll lill-Kunsilliera u lis-Segretarju Eżekuttiv.

**40.5.02** Is-Sindku qal li kien hemm pubbliċità dwar din l-attività fuq l-istazzjon tal-One. Il-Kunsillier Salvatore Felice Pace qal li għandhom jiġu mistiedna l-medja kollha u mhux biss stazzjon wieħed.

Is-Segretarja ġibdet l-attenzjoni dwar il-*flyers* li jitqassmu fid-djar kollha f'Għawdex u hemmx bżonn li dawn jitqassmu. Kien hemm qbil li l-*flyers* mhux daqshekk importanti u hemm spiża kbira biex tipprintja u tqassam dawn il-*flyers*. Minflokk il-*flyers* ġie ssuġġerit li jkun hemm aktar *banners* u waħda fl-entratura taċ-ċentru tal-Għasri li taqsam it-triq.

**40.5.03** Il-Kunsill għażel id-data tat-23 ta' Settembru 2023 għall-attivita' ta' *Traditions: Wine, Olive Oil & Honey* għas-sena 2023. Isemmiet *band* populari biex tiġi mistiedna.

## 40.6 Jum l-Għasri 2022;

**40.6.01** Nhar is-Sibt 24 ta' Settembru ser issir quddiesa ta' Radd il-Ħajr fl-okkazzjoni ta' Jum l-Għasri. Is-Sindku għandu jagħmel diskors wara l-quddiesa.

## 40.7 Alternattiva għal għassa tal-pulizija fl-Għasri.

**40.7.01** Is-Sindku ġibed l-attenzjoni dwar sistemma ta' *intercom* li saret fil-lokalità tal-Għargħur. Din minflokk għassa tal-pulizija. Kien hemm artiklu dwarha fil-gazzetti. Il-Kunsilliera qablu li nitolbu li ssir waħda minn dawn fil-lokalità tal-Għasri u din titqiegħed fil-faċċatta tal-bini tal-Kunsill. Is-Segretarja għandha tibgħat lis-Supretendent tal-Pulizija ta' Għawdex dwar din.

## 40.8 Xogħlijiet fl-Għasri;

**40.8.01** Is-Sindku semma xi tiswijiet li hemm bzonn isiru fi Triq Wied l-Għasri. Il-Kuntrattur għandu jara dawn ix-xogħlijiet.

## 40.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti; u

**40.9.01** Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 40-9 biex tkun approvata mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 40.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**40.10.01** Il-laqgħa ntemmet fid-8.45 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 26 ta' Ottubru fis-7:00 ta' filgħaxija.

Konfermati, l-Erbgħa 24 ta'Ottubru 2022.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Dr Daniel Attard | Rita Mifsud Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |